MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Talba Numru. 411/2003

**Pater Finance Company Limited**

**Vs**

**David Xuereb u martu**
**Chantel Xuereb Mulvaney**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm650.00c (sitt mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti import ta’ seba’ (7) kambjali, wahda ta’ Lm80.00c (tmenin lira Maltin) u sitta (6) ta’ Lm95.00c (hamsa u disghin lira Maltin) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awwissu 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma’ l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-20 ta' Frar, 2003 jammontaw ghal Lm18.00c (tmintax il-lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi Lm6.00c (sitt liri Maltin) tal-konsult legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Ammissjoni pprezentata fl-1 t'April, 2003 li permezz taghha l-konvenuti ammettew it-talbiet tas-socjeta' attrici.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------